Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0166(COD)

2.10.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-modernizzazzjoni tad-dokument bl-informazzjoni ewlenija
(COM(2023)0278 – C9-0180/2023 – 2023/0166(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Stéphanie Yon-Courtin

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 20

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolamenttal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-modernizzazzjoni tad-dokument bl-informazzjoni ewlenija
(COM(2023)0278 – C9-0180/2023 – 2023/0166(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM[(2023)0278]),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0180/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali;

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jkopri prodotti aggregati li huma manifatturati mill-industrija tas-servizzi finanzjarji sabiex jipprovdu opportunitajiet addizzjonali ta'

investiment lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. It-titoli mingħajr ekwità maħruġa minn emittenti mhux finanzjarji jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' emittenti korporattivi u, fejn jiġu offruti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, ser ikunu soġġetti għall-obbligu li jitfassal prospett, li jinkludi sommarju, u b'hekk jipprovdi lill-investituri fil-livell tal-konsumatur b'informazzjoni prekuntrattwali adegwata. Dawn it-titoli jridu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżit attwali li jiġi prodott, rieżaminat u aġġornat dokument bl-informazzjon ewlenija għal dawn it-titoli mingħajr ekwità, sal-maturità tagħhom, jinkoraġġixxi lill-emittenti biex jillimitawhom għal investituri professjonali biss, u b'hekk iċaħħad lill-investituri fil-livell tal-konsumatur minn opzjonijiet ta' investiment. L-indirizzar tat-titoli mingħajr ekwità maħruġa minn emittenti mhux finanzjarji għalhekk ser ineħħi dan l-inċentiv u jista' jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur fis-swieq kapitali tal-Unjoni, filwaqt li joffri lil dawk l-investituri fil-livell tal-konsumatur b'aktar opportunitajiet biex jiddiversifikaw il-portafolli finanzjarji tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tipi kollha ta' titoli mingħajr ekwità maħruġa minn emittenti mhux finanzjarji għandhom jitneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PRIIPS. Dawn it-titoli (eż. noti b'rati varjabbli, bonds konvertibbli, bond marbut mas-sostenibbiltà) jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' prodotti aggregati, li twassal lill-emittenti biex sistematikament iċedu milli joffruhom lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, filwaqt li diġà huma koperti mir-Regolament dwar il-Prospett, li jipprevedi sommarju. Bit-tneħħija tal-piż amministrattiv tagħha, huwa possibbli li jitrawwem l-investiment fil-livell ta' konsumatur fi prodotti li għandhom kontribuzzjoni diretta għall-finanzjament ta' dawn l-emittenti.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti finanzjarji koperti minn dan ir-Regolament huwa wiesa' ħafna, il-metodoloġiji żviluppati skont dan ir-Regolament biex jistandardizzaw il-preżentazzjoni ta' elementi ewlenin tad-dokument bl-informazzjoni ewlenija, bħall-prestazzjonijiet jew ir-riskji, xi kultant jistgħu jiffaċċjaw kompromess bejn il-komparabbiltà u l-komprensibbiltà tal-informazzjoni pprovduta lill-investituri fil-livell ta' konsumatur. Għalhekk irid jiġi ċċarat li l-komprensibbiltà trid dejjem tipprevali fuq l-għan li tinkiseb il-komparabbiltà, u li l-metodoloġiji ta' kalkolu, filwaqt li jridu jkunu omoġenji għall-familji ta' prodotti li juru karatteristiċi simili, jistgħu jvarjaw bejn il-kategoriji ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament li huma intrinsikament differenti (bħal fondi ta' investiment u prodotti strutturati).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Parir tal-Kumitat Konġunt tad-29.04.2022 enfasizza li l-komprensibbiltà tal-informazzjoni għall-investituri fil-livell ta' konsumatur xi kultant tista' tiġi pperikolata billi jittieħed approċċ uniformi għal raġunijiet ta' komparabbiltà. Mingħajr ma jitneħħa l-għan ġenerali tal-komparabbiltà bejn il-prodotti sostitwibbli, għandu jkun possibbli li tiġi permessa differenzjazzjoni addizzjonali fil-mod kif ir-regoli japplikaw għal tipi differenti ta' prodotti. L-approċċ attwali spiss jipprevjeni lill-ASE milli jadottaw metodoloġiji fil-Livell 2 għal ċerti familji ta' prodotti li jkunu ta' benefiċċju għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(da) titoli mingħajr ekwità li jinħarġu minn emittenti mhux finanzjarji u li għalihom iġi stabbilit prospett skont ir-Regolament (UE) 2017/1129;"

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-titoli mingħajr ekwità maħruġa minn korporattivi biex jiffinanzjaw lilhom infushom għandhom jiġu eżentati mir-Regolament dwar il-PRIIPs. Ir-rekwiżit attwali biex jiġi prodott KID jiddiżinċentiva lill-emittenti milli jestendu l-offerta tagħhom ta' tali strumenti mingħajr ekwità għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, aktar u aktar minħabba li dawn it-titoli spiss ikunu koperti mir-Regolament dwar il-Prospett (li jipprevedi sommarju). Distributur li madankollu jixtieq jipproponi dawn il-bonds lill-klijenti fil-livell ta' konsumatur jiffaċċja piż amministrattiv għoli minħabba r-regoli ta' governanza tal-prodott.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
(5) **"*persuna li tbiegħ PRIIP*"** tfisser persuna li ***toffri jew tikkonkludi*** kuntratt tal-PRIIP ma' investitur fil-livell tal-konsumatur;	***"***(5) **'*distributur tal-PRIIP*'** tfisser persuna li ***tagħti pariri fuq l-offertà, il-bejgħ jew il-konklużjoni ta'*** kuntratt tal-PRIIP ma' investitur fil-livell tal-konsumatur;**"**

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament dwar il-PRIIPs bħalissa juża kliem speċifiku li ma jikkorrispondix għal dawk

użati f'biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni li jirregolaw id-distribuzzjoni ta' prodotti finanzjarji u tal-assigurazzjoni (IDD, PEPP u MiFID). Biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-atti legali differenti, nissuġġerixxu li "persuna li tbigħ PRIIP" tiġi sostitwita b'"distributur tal-PRIIP".

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7a) "format elettroniku" tfisser ***kwalunkwe mezz durabbli għajr il-karta***;	(7a) "format elettroniku" tfisser ***format elettroniku kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (62a), tad-Direttiva 2014/65/UE***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-atti legali differenti li jirregolaw id-distribuzzjoni, tiżdied referenza għall-Artikolu 4(62) tal-MiFID II u għall-Artikolu 2(18) tal-IDD. B'dan il-mod, ser jiġi speċifikat ukoll li PDF jitqies validu.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(3a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej :
1. ***Qabel ma PRIIP ikun disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-manifattur*** tal-PRIIP ***għandu jfassal*** dokument bl-informazzjoni ewlenija ***għal dak il-prodott*** f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***u għandu jippubblika d-dokument fuq is-sit elettroniku tiegħu***.	"1. ***Il-manifatturi*** tal-PRIIP ***għandhom ikunu meħtieġa jfasslu u jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom*** dokument bl-informazzjoni ewlenija f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***fejn il-PRIIP ikun maħsub li jiġi avżat, offrut jew mibjugħ lill-investituri fil-livell tal-konsumatur."***

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

Proposta għas-sostituzzjoni ta' "ikun disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur" b'abbozzar aktar sempliċi.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta PRIIP joffri lill-investitur fil-livell tal-konsumatur b'firxa ta' opzjonijiet għall-investimenti, b'tali mod li l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-Artikolu 8(3) fir-rigward ta' kull opzjoni ta' investiment ma tkunx tista' tiġi pprovduta f'dokument uniku u konċiż waħdu, id-dokument bl-informazzjoni ewlenija għandu jipprovdi deskrizzjoni ġenerika tal-opzjonijiet ta' investiment ***sottostanti***, u l-kostijiet tal-PRIIP għajr il-kostijiet għall-opzjoni ta' investiment, dment li:	3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta PRIIP joffri lill-investitur fil-livell tal-konsumatur b'firxa ta' opzjonijiet għall-investimenti, b'tali mod li l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-Artikolu 8(3) fir-rigward ta' kull opzjoni ta' investiment ma tkunx tista' tiġi pprovduta f'dokument uniku u konċiż waħdu, id-dokument bl-informazzjoni ewlenija għandu jipprovdi deskrizzjoni ġenerika tal-opzjonijiet ta' investiment, u l-kostijiet tal-PRIIP għajr il-kostijiet għall-opzjoni ta' investiment, dment li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-PRIIPs li joffru firxa ta' opzjonijiet għall-investiment, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-ippakkettjar tal-prodott, l-opzjonijiet ta' investiment u l-assi sottostanti li jappoġġjaw dawn l-opzjonijiet ta' investiment.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-manifatturi tal-PRIIPs jipprovdu lill-investituri b'għodod adatti għall-investituri fil-livell tal-konsumatur li jiffaċilitaw ir-riċerka u t-tqabbil bejn l-għażliet differenti ta' investiment, inkluż dwar il-kostijiet;	(a) Il-manifatturi tal-PRIIPs jipprovdu lill-investituri b'għodod adatti għall-investituri fil-livell tal-konsumatur li jiffaċilitaw ir-riċerka u t-tqabbil bejn l-għażliet differenti ta' investiment, inkluż dwar il-kostijiet ***u l-prestazzjoni, u b'kont meħud tal-kostijiet tal-PRIIP li mhumiex relatati mal-opzjonijiet ta' investiment tiegħu***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nissuġġerixxu li l-għodda tinkludi wkoll informazzjoni relatata mal-prestazzjonijiet, sabiex l-investituri jkunu jistgħu jqabblu l-valur għall-flus tal-opzjonijiet ta' investiment differenti; u l-ispejjeż tal-PRIIP (dawk relatati mal-ippakkettjar) li mhumiex relatati mal-opzjonijiet ta' investiment tiegħu, sabiex ikun hemm stampa komprensiva tal-ispejjeż totali. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar l-ispiża tal-investiment hija wkoll aspett ewlieni tad-deċiżjoni dwar l-investiment u għandha tiġi pprovduta awtomatikament aktar milli fuq bażi fakultattiva.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-investituri fil-livell ta' konsumatur ikollhom aċċess faċli għad-dokumentazzjoni tal-informazzjoni prekuntrattwali relatata ***mal-prodotti*** ta' investiment li ***jappoġġaw*** l-opzjonijiet ta' investiment ***sottostanti***;	(b) L-investituri fil-livell ta' konsumatur ikollhom aċċess faċli għad-dokumentazzjoni tal-informazzjoni prekuntrattwali relatata ***mal-assi*** ta' investiment li ***jappoġġjaw*** l-opzjonijiet ta' investiment;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-PRIIPs li joffru firxa ta' opzjonijiet għall-investiment, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-ippakkettjar tal-prodott, l-opzjonijiet ta' investiment u l-assi sottostanti li jappoġġjaw dawn l-opzjonijiet.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-manifatturi tal-PRIIPs jipprovdu lill-investituri***, fuq talba tagħhom u*** fi żmien xieraq qabel ma l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu marbuta bi kwalunkwe kuntratt jew offerta li jinvestu f'opzjoni ta' investiment partikolari, il-kostijiet sħaħ tal-PRIIP ***relatati ma' din*** l-għażla ta' investiment.	(c) Il-manifatturi tal-PRIIPs jipprovdu lill-investituri fi żmien xieraq qabel ma l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu marbuta bi kwalunkwe kuntratt jew offerta li jinvestu f'opzjoni ta' investiment partikolari, il-kostijiet sħaħ tal-PRIIP ***inkluża dik*** l-għażla ta' investiment.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt (aa):	***imħassar***
"(aa) taħt taqsima bit-titolu "Daqqa ta' għajn lejn il-prodott", ħarsa ġenerali b'informazzjoni fil-qosor dwar dan kollu li ġej:	
(i) it-tip ta' PRIIP, kif imsemmi fil-punt (c)(i);	
(ii) l-indikatur sommarju tar-riskju msemmi fil-punt (d)(i);	
(iii) il-kostijiet totali tal-PRIIP;	
(iv) il-perjodu ta' żamma rakkomandat imsemmi fil-punt (g)(ii);	

(v) jekk il-PRIIP joffrix il-benefiċċji tal-assigurazzjoni msemmija fil-punt (c)(iv);”

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-taqsima “Daqqa t’għajn lejn il-prodott” għandha l-għan li tiġbor fil-qosor dokument li jgħaqqad l-informazzjoni essenzjali dwar prodott f’format ta’ tliet paġni. Il-kontenut huwa żejjed ma’ dak tal-PRIIPS KID u ser juża l-ispazju f’dokument li diġà huwa dens ħafna. Din iż-żieda ma taqbilx mas-simplifikazzjoni tant meħtieġa tal-PRIIPs.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt c – punt (ii) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) deskrizzjoni ***tal-istrumenti*** sottostanti jew tal-valuri ta’ referenza;	(1) deskrizzjoni ***tal-assi ta’ investiment*** sottostanti jew il-valuri ta’ referenza;

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt c – punt iii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) fil-paragrafu 3, il-punt (c), il-punt (iii) huwa sostitwit b’dan li ġej:
(iii) deskrizzjoni tat-tip ta’ investituri fil-livell tal-konsumatur li lejh huwa intiż li jiġi kummerċjalizzat il-PRIIP, b’mod partikolari f’termini tal-kapaċità tiegħu li jkun jiflaħ għat-telf tal-investiment u l-orizzont tal-investiment;	***“(iii) informazzjoni xierqa dwar il-prestazzjoni***;***”;***

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

Il-funzjonament attwali tax-xenarji ta' prestazzjoni huwa ta' detriment għall-investituri fil-livell ta' konsumatur: huma jipprovdu informazzjoni qarrieqa lill-investituri peress li jiddikjaraw b'mod eċċessiv il-movimenti reċenti tas-suq għal ċerti prodotti u jikkontradixxu l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat ipprovduta f'dokumenti oħra. L-ASE u l-Kummissjoni kellhom jieħdu diversi miżuri korrettivi, li jindikaw li l-qafas attwali kien jeħtieġ li jiġi adattat. Din l-emenda se tippermetti lill-manifatturi jipprovdu informazzjoni dwar il-prestazzjoni li tkun l-aktar adattata għat-tip ta' prodott ikkonċernat u għall-interess tal-investituri fil-livell ta' konsumatur.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt ea (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ea) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Waqt li jkunu qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji l-ASE għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' PRIIPs, id-differenzi bejniethom u l-kapaċitajiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur kif ukoll il-karatteristiċi tal-PRIIPs sabiex jippermettu li l-investitur fil-livell tal-konsumatur jagħżel bejn investimenti sottostanti differenti jew għażliet oħra li joffri l-prodott, inkluż fejn din l-għażla tista' sseħħ f'punti taż-żmien differenti, jew fejn tista' tinbidel fil-futur.	***"***Waqt li jkunu qed jiżviluppaw l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*,* l-ASE għandhom jikkunsidraw id-diversi tipi ta' PRIIPs, id-differenzi bejniethom u l-kapaċitajiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur kif ukoll il-karatteristiċi tal-PRIIPs sabiex jippermettu li l-investitur fil-livell tal-konsumatur jagħżel bejn investimenti sottostanti differenti jew għażliet oħra li joffri l-prodott, inkluż fejn din l-għażla tista' sseħħ f'punti taż-żmien differenti, jew fejn tista' tinbidel fil-futur. ***Fejn xieraq, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni li tkun ġusta, ċara u li ma tiżgwidax lill-investituri fil-livell ta' konsumatur, jistgħu jittieħdu approċċi differenti bejn it-tipi differenti ta' prodotti.";***

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

Mingħajr ma jiġi eskluż l-għan ġenerali tal-komparabbiltà bejn il-prodotti sostitwibbli, għandu jkun possibbli li tiġi permessa differenzjazzjoni addizzjonali fil-mod kif ir-regoli japplikaw għal tipi differenti ta' prodotti. Huwa meħtieġ li l-mandat tal-Livell II tal-ESA jiġi adattat bi ftit biex jindika li l-għan ta' komprensibbiltà għandu jipprevali fuq dak tal-komparabbiltà. Dan ineħħi r-riġiditajiet tar-regoli attwali li ħafna drabi jipprevjenu lill-ASE milli jadottaw, fil-Livell II, metodoloġiji għal ċerti familji ta' prodotti li kienu jkunu ta' benefiċċju għall-fehim u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. ***Il-manifattur*** tal-PRIIP għandu janalizza l-informazzjoni li tinsab fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija b'mod regolari u għandu jirrevedi d-dokument fejn l-analiżi tindika li hemm bżonn isir tibdil. Il-verżjoni riveduta għandha ssir disponibbli fil-pront. Il-verżjoni riveduta għandha ssir disponibbli fil-pront.	"1. ***Sakemm il-PRIIP ikun miftuħ għal abbonamenti ġodda, il-manifattur*** tal-PRIIP għandu janalizza l-informazzjoni li tinsab fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija b'mod regolari u għandu jirrevedi d-dokument fejn l-analiżi tindika li hemm bżonn isir tibdil. Il-verżjoni riveduta għandha ssir disponibbli fil-pront.

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

L-obbligu li jiġi aġġornat il-PRIIPS KID anki wara li prodott jingħalaq għall-abbonament huwa ta' piż għall-manifatturi u ma jissodisfax l-iskop oriġinali tiegħu, li huwa li jinforma investituri ġodda dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott. Minflok il-miżuri tal-livell II proposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(2)(b), dispożizzjoni tal-livell I li teżenta prodotti li huma "magħluqa għal investimenti ġodda" tirrappreżenta soluzzjoni aktar sempliċi biex tiġi ċċarata l-kwistjoni.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kundizzjonijiet li skonthom irid jiġi rivedut id-dokument bl-informazzjoni ewlenija, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-PRIIPs li għadhom magħmulin disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur u l-PRIIPs li ma għadhomx disponibbli;	(b) il-kundizzjonijiet li skonthom irid jiġi rivedut id-dokument bl-informazzjoni ewlenija, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-PRIIPs li għadhom magħmulin disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur u l-PRIIPs li ma għadhomx disponibbli ***u li fir-rigward tagħhom il-pagamenti jew it-trasferimenti ma jkunux għadhom possibbli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis il-PRIIPs li m'għadhomx disponibbli iżda li fir-rigward tagħhom xorta jistgħu jitwettqu pagamenti, trasferimenti jew arbitraġġi. F'każ bħal dan, id-dokument bl-informazzjoni ewlenija għandu jiġi rivedut u jinżamm aġġornat.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***
"L-ASE għandhom iqisu sitwazzjonijiet fejn PRIIP ma jibqax disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur. L-ASE għandhom jissottomettu dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-kwistjoni tista' tiġi ttrattata direttament fil-Livell I, mingħajr il-ħtieġa ta' setgħa speċifika tal-Livell II – ara l-emendi preċedenti.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Persuna li tagħti pariri dwar PRIIP jew li tbigħu, għandha tipprovdi lill-investituri fil-livell tal-konsumatur bid-dokument bl-informazzjoni ewlenija fi żmien adegwat qabel ma dawk l-investituri fil-livell tal-konsumatur jintrabtu bi kwalunkwe kuntratt jew offerta relatata mal-PRIIP.	"1. Persuna li tagħti pariri dwar PRIIP jew li tbigħu, għandha tipprovdi lill-investituri fil-livell tal-konsumatur bid-dokument bl-informazzjoni ewlenija fi żmien adegwat qabel ma dawk l-investituri fil-livell tal-konsumatur jintrabtu bi kwalunkwe kuntratt jew offerta relatata mal-PRIIP. ***Meta l-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni dwar il-PRIIP tiġi pprovduta lill-investituri fil-livell tal-konsumatur f'format stampat jew diġitali, id-dokument bl-informazzjoni ewlenija għandu jiġi pprovdut fl-istess ħin, kif ukoll spjegazzjoni dwar in-natura regolatorja ta' dak id-dokument.";***

Or. en

(32014R1286)

Ġustifikazzjoni

Kampanji ta' xiri bil-moħbi wrew li l-KID spiss jingħata lill-klijent fi stadju aktar tard fil-proċess kummerċjali meta mqabbel ma' materjali ta' kummerċjalizzazzjoni li jikkonsistu f'dokumenti stampati jew dokumenti b'format elettroniku. Ir-Regolament dwar il-PRIIPs għandu jiġi modifikat sabiex jistipula b'mod ċar li l-KID għandu jingħata lill-investituri fil-livell tal-konsumatur fl-istess ħin ma' kwalunkwe materjal ieħor tas-suq ipprovdut fuq il-karta jew f'format elettroniku. Barra minn hekk, il-persuna li tagħti pariri dwar il-PRIIPs jew li tbigħhom għandu jkollha l-obbligu li tispjega lill-klijent li l-KID huwa ta' natura differenti mill-materjali ta' kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 1286/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt da ***(***ġdid***)***

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) meta l-PRIIP joffri lill-investitur fil-livell ta' konsumatur firxa ta' opzjonijiet għall-investimenti:
	(i) l-informazzjoni ewlenija għandha tirrifletti l-kombinazzjoni ta' opzjonijiet ta' investiment li l-investitur fil-livell ta' konsumatur qed jikkunsidra;
	(ii) id-dokumentazzjoni ta' informazzjoni prekuntrattwali relatata mal-assi ta' investiment sottostanti li jappoġġjaw l-opzjonijiet ta' investiment għandha tkun faċilment aċċessibbli permezz ta' link ħdejn l-għodda interattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kundizzjonijiet addizzjonali sabiex titqies in-natura speċifika ta' prodotti b'għażla multipla:1) l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-allokazzjoni tal-investiment prevista mill-investitur sabiex tkun personalizzata u kompluta kemm jista' jkun; 2) bħad-dokument bl-informazzjoni ewlenija, id-dokumentazzjoni relatata mal-assi ta' investiment sottostanti li jappoġġjaw l-opzjonijiet ta' investiment għandhom ikunu aċċessibbli faċilment ukoll.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara ***d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju***].	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara ***l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2) u l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 14(3), skont liema minnhom iseħħ l-aħħar***].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif sar bir-Regolament dwar il-PEPP, id-data tad-dħul fis-seħħ jenħtieġ li tiġi stabbilita b'referenza għall-pubblikazzjoni ta' atti delegati u standards tekniċi regolatorji sabiex tiżdied il-prevedibbiltà għall-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali u l-atturi tas-suq.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta f'waqtha tal-Kummissjoni għall-Istrateġija ta' Investiment għall-Konsumaturi, f'konformità ma' wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2020 dwar l-unjoni tas-swieq kapitali biex l-UE ssir post saħansitra aktar sikur għall-individwi biex ifaddlu u jinvestu fit-tul.

Il-proposta tal-Kummissjoni tikkonsisti minn:

- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2014/65/UE u (UE) 2016/97 fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-investituri bl-imnut;
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-modernizzazzjoni tad-dokument bl-informazzjoni ewlenija.

Ir-Rapporteur tqis li din il-proposta hija waħda mill-proposti ewlenin ta' dan il-mandat. Minħabba l-limitazzjonijiet ta' żmien, hija identifikat il-prijoritajiet politiċi ewlenin, li hija tindirizza fl-abbozz ta' rapport tagħha, bl-għan li tkompli d-diskussjonijiet. Hija se temenda aktar il-proposta matul il-proċedura ta' emenda.

Ir-Rapporteur tikkondividi bis-sħiħ l-objettivi ta' din il-proposta. Aktar minn 70 % taċ-ċittadini tal-UE qatt ma investew fi prodotti finanzjarji minħabba diversi raġunijiet, minħabba li jew isibuha kumplessa wisq jew ikollhom tħassib dwar ir-riskji. Għalhekk, irridu nagħmlu dak kollu li nistgħu biex inħeġġu liċ-ċittadini jibdlu dan. Ir-regoli l-ġodda għall-protezzjoni u għall-għoti tas-setgħa lill-investituri fil-livell ta' konsumatur għandhom jipprovdu informazzjoni ċara u trasparenti u jiżguraw li l-parir finanzjarju jkun fl-aħjar interess tal-investitur fil-livell ta' konsumatur.

- **<u>Inċentivar</u>**

  Ir-Rapporteur esprimiet fehmiet qawwija kontra projbizzjoni sħiħa fuq l-inċentivar. Hija tibqa' mħassba dwar l-introduzzjoni ta' projbizzjoni parzjali fuq servizzi eżekuttivi biss li mhijiex ġustifikata u li ma tidhirx li tindirizza kwistjonijiet ta' kunflitt ta' interess. Dan jidher aktar qisu huwa l-ewwel pass lejn projbizzjoni sħiħa. Ħafna konsumaturi fl-UE jiddependu fuq il-parir tal-konsulenti finanzjarji u għalhekk huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas attwali b'għodod u titjib xierqa. Hija temmen li l-kunflitti ta' interess jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' aktar trasparenza. Barra minn hekk, ir-Rapporteur hija tal-opinjoni li ż-żmien u l-kontenut tal-klawżola ta' reviżjoni mhumiex sodisfaċenti. Din il-klawżola ta' reviżjoni m'għandhiex tkun preġudikata li twassal għall-introduzzjoni awtomatika ta' projbizzjoni sħiħa ta' inċentivar. Għalhekk, hija tipproponi li tiġi estiża għal ħames snin li jibdew mit-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni tad-direttiva, biex ikunu jistgħu jiġu osservati l-effetti reali tal-miżuri fuq is-suq. Barra minn hekk, hija tissuġġerixxi li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' rieżami biex tiġi prevista valutazzjoni bbażata fuq kunflitti ta' interess potenzjali, l-evoluzzjoni tal-kostijiet, il-livell ta' investiment fil-livell tal-konsumatur fis-swieq kapitali, il-protezzjoni tal-konsumatur u r-rilevanza tar-regoli ta' distribuzzjoni.

- **Test għall-aħjar interess**

  Fl-abbozz ta' rapport tagħha, ir-Rapporteur tiċċara u ssaħħaħ il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-test għall-"aħjar interess" skont id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) u d-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (IDD). Fil-MiFID, hija tipproponi li jiġi ċċarat il-kunċett ta' "kosteffiċjenza". Fl-IDD, aktar milli tiffoka fuq il-kosteffiċjenza ta' prodott, hija tissuġġerixxi li l-konsulenza finanzjarja għandha tingħata abbażi tal-prestazzjoni, il-livell ta' riskju, il-kostijiet, l-imposti ta' prodott ta' investiment ibbażat fuq l-assigurazzjoni jew, fejn applikabbli, l-opzjonijiet ta' investiment sottostanti. Il-prodotti li jiġu offruti lill-konsumaturi għandhom ikunu adattati għall-ħtiġijiet u l-objettivi speċifiċi tagħhom, u għalhekk mhuwiex biss il-prezz li huwa importanti, iżda wkoll il-kwalità tal-prodott.

- **Valur għall-parametri referenzjarji tal-Flus**

  Fil-fehma tar-Rapporteur, il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-valur għall-flus tista' tkun ta' tfixkil fis-suq, peress li twassal għal diversità mnaqqsa ta' prodotti u innovazzjoni mrażżna. Hija temmen li n-nuqqas ta' kjarifika rigward il-metodoloġija applikata għat-tfassil ta' dawk il-parametri referenzjarji ma jħalliniex nivvalutaw kif dawn verament ser jiżvolġu fil-prattika. Ir-Rapporteur taqbel bis-sħiħ mal-prinċipju li l-prodott għandu jipprovdi valur għall-flus u li l-prodotti bi spejjeż u imposti għoljin mhux ġustifikati u sproporzjonati ma għandhomx post fis-suq. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar diskussjonijiet dwar dan il-punt sabiex jinstab l-approċċ it-tajjeb u bbilanċjat. Għalhekk, ir-Rapporteur fl-abbozz ta' rapport tagħha tħassar il-parametri referenzjarji, bil-ħsieb li tkompli d-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett.

- **Superviżjoni u prattiki transkonfinali**

  Il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex biżżejjed f'dan ir-rigward u għalhekk ir-Rapporteur tipproponi emendi bl-għan li tissaħħaħ is-superviżjoni transkonfinali u tiġi żgurata l-protezzjoni ugwali għall-konsumaturi kollha fl-Istati Membri kollha tal-UE. F'dan l-ispirtu, ir-Rapporteur tintroduċi obbligu għall-kumpaniji li jirreġistraw fl-istess Stat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħhom, sabiex jiġi evitat il-forum-shopping.

- **Finfluencers**

  Id-diġitalizzazzjoni ħolqot ġenerazzjoni ġdida ta' investituri. Naraw il-ħolqien tal-hekk imsejħa "finfluencers" li joperaw fuq il-midja soċjali u jimmobilizzaw prinċipalment il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ. Ir-Rapporteur tilqa' l-miżuri proposti mill-Kummissjoni biex tiżgura komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ċari, ġusti u li ma jiżgwidawx u biex tindirizza t-tħassib f'dak li għandu x'jaqsam ma' influwenzaturi finanzjarji. Ħafna drabi ma jkollhomx għarfien speċifiku f'dan il-qasam. Għalhekk, ir-Rapporteur tipproponi elementi addizzjonali biex tissaħħaħ aktar din il-parti tal-proposta, pereżempju, billi jiġi impost fuq id-ditti biex jiffirmaw kuntratt mal-finfluencers sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u tiġi ddeterminata r-responsabbiltà. Hija tissuġġerixxi wkoll

li tiġi estiża d-dispożizzjoni dwar “il-proċedura biex jiġu indirizzati l-attivitajiet mhux awtorizzati offruti permezz ta’ mezzi diġitali”, għall-finfluencers li jużaw prattiki ta’ bejgħ ħżiena.

- **Litteriżmu finanzjarju**

Ir-Rapporteur tqis il-litteriżmu finanzjarju bħala element vitali għat-titjib tal-imġiba tal-investiment fl-UE, mhux biss għall-konsumaturi iżda wkoll għall-konsulenti finanzjarji sabiex jipprovdu pariri professjonali ta’ kwalità għolja. Skont l-istħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru, 18 % biss taċ-ċittadini tal-UE għandhom livell għoli ta’ litteriżmu finanzjarju, 64 % għandhom livell medju u 18 % għandhom livell baxx, filwaqt li hemm ukoll diverġenzi kbar fost l-Istati Membri. Dawn in-numri juru biċ-ċar li jeħtieġ li jsir ħafna aktar f’dan il-qasam u li l-UE għandha tuża bis-sħiħ ir-rwol tagħha biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex ikunu ambizzjużi f’dan ir-rigward.

- **Fornituri tad-data**

Id-data tas-suq finanzjarju u mhux finanzjarju hija essenzjali għall-funzjonament korrett tas-swieq finanzjarji u għall-forniment ta’ servizzi ta’ investiment ta’ kwalità lill-klijenti. Din id-data għandha tkun ta’ kwalità għolja, affidabbli, soġġetta għal proċeduri ta’ kontroll stretti ħafna u aċċessibbli b’kundizzjonijiet ġusti. L-aċċess, l-użu u l-kost tad-data tas-suq finanzjarju u mhux finanzjarju meħtieġa għall-forniment ta’ servizzi ta’ investiment u għall-manifattura u d-distribuzzjoni ta’ prodotti finanzjarji huma porzjon importanti tal-kostijiet imġarrba mid-ditti tal-investiment, u għalhekk jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tat-tariffi totali mħallsa mill-klijenti mhux professjonali. Huwa għalhekk li r-Rapporteur huwa tal-fehma li l-UE għandha timplimenta regolamentazzjoni Ewropea orizzontali u olistika kemm għall-fornituri tad-data finanzjarja kif ukoll għal dik mhux finanzjarja u l-attivitajiet tagħhom, li għandha tkun akkumpanjata minn superviżjoni akbar tal-fornituri kollha tad-data (inklużi l-fornituri ta’ pajjiżi terzi li bħalissa jibbenefikaw minn sitwazzjoni oligopolistika) fil-livell Ewropew.

- **Prodotti aggregati ta’ investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPS)**

Ir-Rapporteur tilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-PRIIPS iżda tara l-ħtieġa li jiġu introdotti aktar aġġustamenti għall-prattiki tas-suq u ċerti adattamenti għas-settur tal-assigurazzjoni. Hija tissuġġerixxi li titħassar taqsima ġdida fid-Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija bit-titolu “Daqqa t’għajn lejn il-prodott” u ser tkompli tivvaluta aktar l-allinjament tat-taqsima l-ġdida dwar is-sostenibbiltà mal-leġiżlazzjoni eżistenti rilevanti.